MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 694/2001/1

Reuben **Silvio**

**vs**

**Middle Sea Insurance plc u Alex Galea u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2001 giet kjamata fil-kawza is-socjeta' Mizzi Insurance Agency Limited u b'nota tal-20 ta' Jannar 2006, il-kumpanija Kastell Ltd qed tassumi l-atti minflok il-kumpanija "Mizzi Insurance Agency Ltd"**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Reuben Silvio li permezz taghha wara li ppremetta illi:

L-attur ikkuntratta mas-socjeta’ konvenuta u dan tramite l-agent taghha u cioe’ l-konvenut Alex Galea u dan sabiex jakkwista minghand l-istess socjeta’ konvenutapolza ta’ assikurazzjoni ghall-vettura proprjeta’ tieghu liema vettura ghandha n-numru tar-registrazzjoni LAC-993.

Is-socjeta’ konvenuta rrilaxxat polza ta’ assikurazzjoni li tkopri l-vettura hawn fuq indikata, liema polza ggib in-numru 57711542299, kopja tac-certifikat taghha jinsab hawn anness u mmarkat Dok. “A”.

Waqt l-operat tal-polza aktar ‘il fuq indikata, il-vettura proprjeta’ tal-attur kienet issubiet danni, liema danni kienu gew kagunati f’incident stradali u li s-socjeta’ konvenuta kienet giet infurmata b’dan l-incident, kif proceduralment l-attur kien obbligat li jaghmel u dan in linea mal-polza ta’ assikurazzjoni gia’ indikata.

Il-vettura tal-attur giet rapportata misruqa nhar it-8 ta’ Ottubru 2000 ghall-habta tan-12.30 u s-1.00 ta’ filghodu u dan kif jirrizulta minn kopja ta’ rapport tal-Pulizija, kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. “B”.

Il-polza ta’ assikurazzjoni rilaxxata mis-socjeta’ konvenuta kienet tkopri tali eventwalita’ u dan ai termini tal-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-istess polza.

L-attur talab lis-socjeta’ konvenuta u dan sabiex thallsu d-danni minnu sofferti a kawza tas-serqa tal-imsemmija vettura.

Is-socjeta’ assikuratrici konvenuta baqghet inadempjenti minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAC-993, proprjeta’ tal-attur, kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni numru 57711542299, liema polza kienet mahruga mis-socjeta’ konvenuta a favur tal-attur u li l-istess vettura giet misruqa nhar it-8 ta’ Ottubru 2000.

Tiddikjara illi l-eventwalita’ mertu ta’ din il-kawza u cioe’ s-serqa tal-vettura proprjeta’ tal-attur, kienet koperta b’din il-polza ta’ assikurazzjoni.

Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur a kawza tas-serqa tal-vettura tieghu anke bl-operat ta’ periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu dawk id-danni hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-............. ta’ Frar 2001 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Middle Sea Insurance plc, li in forza taghha eccepiet illi:

It-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt peress illi l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni, jekk tezisti, ma taghmilx stat fil-konfront tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc peress illi kienet inharget minghajr ebda awtorizzazzjoni taghha kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ma timponix ebda obbligu fuq il-Middle Sea Insurance plc ghal xi hlas, izda jekk hemm xi obbligu hu ta' Alex Galea u/jew l-employer tieghu, il-Mizzi Insurance Agency Limited.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta fejn giet ordnata s-sejha fil-kawza ta' Mizzi Insurance Agency Limited.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Mizzi Insurance Agency Limited, li in forza taghha eccepiet illi:

Is-socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi t-talbiet attrici qatt ma jistghu jkunu applikabbli fil-konfront taghha u dan stante li kif jirrizulta mill-atti stess tac-citazzjoni hija qatt ma harget u qatt ma setghet tohrog ebda polza ta' assikurazzjoni.

Bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta' esponenti peress illi ma jirrizultax li s-socjeta' esponenti, anke bhala agenti, qatt harget il-polza msemmija mill-attur u ghalhekk jekk qatt inharget xi

polza favur l-attur dan ser "ad insaputa" u minghajr l-approvazzjoni u l-kunsens tas-socjeta' esponenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li Alex Galea, ghalkemm debitament notifikat ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha. Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Fatti

Jirrizulta illi fl-24 ta' Dicembru 1999, Reuben Silvio xtara vettura (LAC-993) minghand Charles Bianco Auto Dealer. Sabiex tinhareg assikurazzjoni saru l-arrangamenti minn Charles Bianco u ghal din l-assikurazzjoni, Reuben Silvio hallas Lm240 f'zewg pagamenti. Inghata certifikat ta' assikurazzjoni (esebit in atti) ta' Mizzi Insurance Agency bhala agent ta' Middle Sea Insurance li jgib data ta' validita' sal-ahhar tas-sena 2000. Charles Bianco

kien personalment ghamel l-arrangamenti ma’ certu Alex Galea, impjegat ta’ Mizzi, li tieghu kien midhla ghax kienu s-soltu jaghmlu din ix-xorta ta’ arrangamenti. Fit-8 ta’ Ottubru 2000, il-vettura giet misruqa minn San Giljan. Meta Reuben Silvio mar ghand Mizzi Insurance Agency Limited din irreferietu lil Globe Insurance Brokers (li kienet hadet ir-“run off” tax-xoghol tal-istess Mizzi) li ma sabet ebda referenza ghal xi polza f’ismu. L-istess haga gara ma’ Middle Sea Insurance. Reuben Silvio skopra li la l-agenzija, lanqas is-socjeta’ assikuratrici ma kellhom ebda tracca ta’ xi polza mahruga f’ismu ghall-vettura tieghu.

In linea ta’ principju doveruz ghall-Qorti tenfasizza li l-konsiderazzjoni tal-Qorti f’kull kawza hija strettament delineata mill-kawzali tat-talba kif maghmula fic-citazzjoni.

“*... quddiem dawn il-Qrati mhuwiex lecitu li l-kawzali tigi mibdula jew li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni*” (“Vassallo vs Mizzi et”, 29-1-1951 – Vol. XXXV.I.5).

Fil-kaz in ezami, il-pern tal-pretensjonijiet tal-attur kif dedotti fil-kawza huwa l-ezistenza ta’ polza ta’ assikurazzjoni valida. Minn dan isegwi illi, ghalkemm fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, l-attur jinsisti li Alex Galea u Mizzi Insurance Agency bhala employer ghandhom ikunu responsabbli ghad-danni, din il-Qorti ma tistax tisposta l-konsiderazzjonijiet taghha ghal xi xorta ta’ obbligazzjoni oltre dik kontrattwali.

Ghalhekk, il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti sabiex tistabilixxi jekk din ir-relazzjoni kontrattwali kinitx tassew tezisti u, jekk iva, ma’ min.

Kull ma ngab lill-Qorti bhala prova huwa certifikat ta' assikurazzjoni li ma jistax jitqies li huwa l-kuntratt tal-assikurazzjoni. Kull ma jaghmel ic-certifikat, meta validu, huwa li jikkonferma l-ezistenza ta' polza. Mhuwiex fih innifsu l-kuntratt.

In-numru fuq ic-certifikat ma jirrizulta minn imkien fir-records taz-zewg socjetajiet, kemm Middle Sea kif ukoll Mizzi.

Patrick Muscat, Manager tal-Claims Department ta' Middle Sea Insurance jikkonferma li n-numru fuq ic-certifikat huwa falz. Jikkonferma li, ghalkemm stranament m'ghandux imnzzla d-data tal-bidu, ghandu data tat-tmiem u minn tfittxija li saret fir-records taghhom ma nstabet ebda referenza ghalih la mill-hlasijiet li rcevew u lanqas mir-rapporti mensili li huma jircievu regolarment minghand l-agenti taghhom. Lanqas ma sab ebda proposal form. Is-sitwazzjoni kienet l-istess ghal Mizzi Insurance Agency Limited.

Fis-sistema tal-informatika taz-zewg socjetajiet ma tezisti ebda referenza ghall-attur, il-vettura tieghu, u xi hlas li seta' sar.

Meta, wara hafna sforzi biex jigi ritraccat Alex Galea, dan ikkonferma fix-xhieda tieghu illi l-iskrittura u l-firma fuq ic-certifikat huma tieghu. Ikkonferma s-sistema li kien juza' fir-relazzjonijiet ma' Carmel Bianco fejn gieli wkoll ghaddielu certifikati ta' assikurazzjoni qabel ma jsir ebda hlas, u dan sabiex ikunu jistghu jsiru l-proceduri tat-trasferiment mal-awtoritajiet. Mizzi Insurance Agency tikkonferma li qatt ma awtorizzat dan l-agir skorrett da parti tal-impjegat taghha.

Alex Galea jkompli jixhed:

*"... jien kont nohrog certifikat meta nkun ghadni ma rcevejtx il-flus, fil-bidu jiena kont inzomm record, pero' f'hin minnhom bdew jidhlu hafna poloz u tharbatt."*

Ghalhekk, din il-Qorti tqis li gie pruvat ghas-sodisfazzjon taghha u hija moralment konvinta li qatt ma ezistiet polza ta' assikurazzjoni u c-certifikat li nghata 'l-attur kien falz fis-sens li kien qed juri haga b'ohra.

Il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu gew dikjarati preskritti.

Il-Qorti hija konvinta illi, bi ksur ta' kull procedura korretta, Alex Galea abbuza u ghamel uzu mhux awtorizzat ta' "stationery" u timbru kemm ta' Middle Sea Insurance kif ukoll ta' Mizzi Insurance Agency Limited. Galadarba l-uzu qatt ma kien awtorizzat, dan ma jista' qatt iwassal ghal xi forma ta' responsabilta' tal-persuna li taghha tigi uzata l-identita' illegalment. Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Enriquez vs Farrugia" – kif kwotata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Lombard Bank vs Eurimpex" (deciza fit-13 ta' April 2007):

"*Ebda negozju guridiku ma ghandu mmunita' mill-principju fraus omnia corrumpit.*"

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Middlea Sea Insurance plc u Mizzi Insurance Agency Limited, tichad it-talbiet ta' Reuben Silvio.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Reuben Silvio.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------